**14 ta' Diċembru, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Ġiuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor Carmel A. Agius, LL.D.**
**Omor Joseph Said Pullicino, LL.D.**

Maria Victoria mart l-istess Anthony Spiteri, magħruf bil-kunjom Coleiro.

*versus*

Anthony Spiteri magħruf bil-kunjom Coleiro.

## Annullament taż-Żwieġ - Provi Dwar il-Kawżi Avanzati

*Il-Qorti irrimarkat li ma saret ebda perizja medika dwar l-istat psikoloġiku u mentali tal-partijiet u d-depożizzjonijiet ta' l-avukat mhux proċeduralment biżżejjed bħala prova. Lanqas ma nġiebu provi biżżejjed dwar il-biża' jew l-esklużjoni tat-tfal.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-25 ta' Ġunju 1991, tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Kompetenza Ċivili Superjuri – li ma laqgħetx talba għall-annullament taż-żwieġ tal-kontendenti. It-talba ta' l-attriċi ma kinetx opposta mill-konvenut;

2. Il-kondendenti żżewġu fit-2 ta' April, 1964, u mill-

unjoni ma kienx hemm tfal;

3. Ir-raġunijiet avvanzati għall-annulament, mill-attriċi kienu tlieta – (a) li l-kunsens tagħha għaż-żwieġ kien infiċjat mill-biża' li kellha jekk lill-konvenut titilqu dan kien jikkommetti suwiċidju kif kien diġà imminaċċja qabel iż-żwieġ; (b) illi hija ftehmet mal-konvenut illi jiżżewġu għal għaxar snin biss; u (c) li ma jkollhomx tfal;

4. Għal dawn it-tliet motivi, is-sentenza appellata irrispondiet hekk:-

"Fost ir-raġunijiet li ġabet l-attriċi għall-vizzju fil-kunsens kien hemm li ntużat vjolenza morali fuqha. L-unika istanza li tirriżulta mill-provi fejn dan seta' ġara kien meta l-konvenut kien jhedded li jikkommetti suwiċidju jekk l-attriċi titilqu. Il-konvenut jammetti li hu kien għamel ta' bir-ruħu li verament kien ser jagħmel hekk;

Huwa minnu li ġie rikonoxxut li l-biża, jekk verament tissussisti, tista' sservi bħala raġuni biex tinfiċja kunsens. Iżda mhux kull tip ta' biża' tista' twassal sa dan l-estrem. Fil-kawża fl-ismijiet "**Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry – versus – Dottor Alfred Mifsud noe**" deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru, 1982, intqal fost affarijiet oħra li: "Apparti kollox fil-fehma ta' din il-Qorti, biex biża' taqa' taħt l-artikolu in kwistjoni irid ikun ċert, ta' ċerta gravita' serja u għandha tiġi distinta minn dak li hu mistħija u frivolezza u kapriċċ ta' min ser jagħti l-kunsens. Barra minn hekk irid ikun realistiku";

Il-Qorti tifhem l-element soġġettiv li jissussisti f'dan il-

kunċett ta' biża' fejn persuni jirreaġixxu b'mod differenti skond l-edukazzjoni tagħhom u ċ-ċirkostanzi partikolari li jinsabu fihom, iżda f'dan il-każ żgur ma jistax jingħad li din it-theddida tal-konvenut *kienet waħda realistika u lanqas ma jidher li ttieħed* bis-serjeta'. Hi x'inhi, l-Qorti mhix konvinta li din it-theddida kienet tant gravi li affettwat il- "*basic powers of choice*" ta' l-attriċi;

Ir-raġunijiet l-oħra li ġew mogħtija mill-partijiet kienu li kien hemm ftehim minn qabel iż-żwieġ li ma jkollhomx tfal għal għaxar snin biss;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubju illi l-esklussjoni ta' l-ulied hija n-negazzjoni tal-kunċett taż-żwieġ kif inhu komunament magħruf u aċċettat fil-ħajja nisranija tagħna u meta dan ġie ppruvat sodisfaċentament il-Qrati ma ħasbuhiex darbtejn biex annullaw żwieġ. Insibu per eżempju fil-kawża fil-ismijiet: "**Ben Saad - vs - Micallef noe**" deċiża riċentament fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 1990, illi ż-żwieġ ġie ddikjarat null għax irriżulta li l-attriċi żżewġet lill-konvenut minħabba wegħda ta' *kumpens finanzjarju* (biex *ir-raġel kien jista' jgħix Malta*), u għaliex kien hemm ftehim preventiv bejn il-partijiet li ma jkollhomx tfal .... *iż-żwieġ kien* wieħed ta' konvenjenza u ma jirriżultax li kellhom ħsieb serju fuq ħajja miżżewġa;

Issa l-attriċi xehdet illi hi ma ridetx tfal biex ma jkollhiex sikkatura u żewġha kkuntentaha però tliet snin wara li żżewġu ħu l-attriċi ż-żgħir ġie joqgħod magħhom. Fi kliem il-konvenut". "Dan ħa l-post ta' xi wild li seta' kelli minn marti. Dam joqgħod magħna sakemm iżżewweġ". (fol.58) Apparentement din tidher

kontradittorja peress illi diffiċli tifhem kif l-attriċi ma ridetx sikkatura u fl-istess ħin aċċettat li ħuha ż-żgħir joqgħod magħhom u baqa' joqgħod magħhom dak iż-żmien kollu. Evidentement il-partijiet fehmu sew x'ifisser iż-żwieġ u kellhom dak il-"*basic knowledge of the nature and object of marrige....*" però huma dehrilhom li jkun aħjar għalihom jekk volontarjament jiċċaħdu mill-ulied għar-raġuni partikolari li kellhom. Kien ikun differenti kieku verament ma fehmux in-natura u l-oġġett taż-żwieġ u daħlu għal dan fl-għama mingħajr ma kienu jafu x'importa li ma tkunx taf x'importa mod, imma li tkun taf x'importa u ma jimpurtax mod ieħor! Veru li l-attriċi kellha ideat daqsxejn imħawdin f'moħħha fejn talli tgħid li għalija ż-żwieġ ifisser ħbieberija tgħid li għalija ż-żwieġ ifisser ħbiberjia u fis-sentenza ta' wara li jfisser "....rabta kbira u dejjem hekk ħassejt sa minn meta bdejt ninnamra mal-konvenut", (fol.45) però dan ma hux biżżejjed biex jivvizzja l-kunsens minħabba nuqqas tal-konoxxenza konċeptwali. Issa għal dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet sesswali tal-partijiet, jew in-nuqqas tagħhom, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali f'paragrafu 41 (fol.32) fejn wara studju profond dwar il-liġi kanonika, ikkonkluda illi "huwa biżżejjed li l-partijiet għandhom ta' l-anqas idea konfuża li ż-żwieġ jinvolvi l-kongunġiment karnali għall-ġenerazzjoni ta' l-ulied anke jekk ma jkunux jafu n-natura u l-mod ta' kif issir l-unjoni karnali ...." Dana żgur li rriżulta sodifaċentement ippruvat fil-konfront tal-partijiet;

Finalment, il-partijiet qegħdin jgħidu li huma kellhom f'moħħom li jiżżewġu għal għaxar snin biss! Il-Qorti ma tistax ma tiħux din id-dikjarazzjoni bil-proverbjali farka melħ. Apparentement dina tfisser nuqqas ta' konoxxenza dwar l-applikzzjoni u l-konsegwenzi taż-żwieġ iżda biex dina tirriżulta sodisfaċentement ippruvata jrid ikun hemm provi ferm aktar

konkreti milli d-dikjarazzjoni tal-partijiet. Il-Perit Legali wkoll fehem dan meta f'paragrafu 48 (fol.36) jgħid li ".... id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet għandhom jittieħdu b'ċerta ċirkospezzjoni." Forsi lanqas ma jingħad fuq din id-dikkjarazzjoni aktar aħjar;

Fid-dawl ta' din ir-riżultanzi proċesswali u ta' l-apprezzament tagħhom, ma jistax jingħad li ġie sodisfaċentament ippruvat li ż-żwieġ fejn il-kontendenti hu wieħed null. Il-piż ta' prova li nġabet ma kinitx tali li tiddisturba l-presunzjoni tal-validita' taż-żwieġ u lanqas ma pproduċiet dak il-konvinċent *morali għall-annullament tiegħu. Għad li hawn qegħdin fil-kamp* Ċivili, kif ġià ingħad, il-grad ta' prova trid tkun aktar konvinċenti mill-grad ta' probabilità normalment attribbwibbli lill-kawżi ordinarji oħra. Il-kawża għall-annulament taż-żwieġ m'hijex kawża ordinarja oħra, għax dina timmina l-istabilità ta' l-istrati soċjali kollha u għalhekk għandha indoli ta' Ordni Pubbliku. Fil-passat il-Qrati tagħna forsi kienu laxki wisq fl-apprezzament tagħhom tal-provi u anki waslu biex akkordaw annullament fejn peress illi l-apartijiet għamlu nota fejn qablu li ż-żwieġ għandu jiġi ddikjarat null ergo dana wera difett seju ta' deskrizzjoni fuq ħajja miżżewġa (Seychell P.A. 16 ta' Mejju, 1984)! Dan ma għandux ikun u l-istituzzjoni taż-żwieġ anke fil-kamp Ċivili ħaqqha l-protezzjoni tal-Qorti b'applikazzjoni tal-liġi b'sens loġiku u serju. F'dan il-każ, din il-grad ta' prova ma ntlaħqitx u d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet huma fl-aħjar 'divertenti' iżda żgur mhux noċivi għaż-żwieġ li ċċelebraw fit-2 ta' April, 1964, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti għandu jibqa' validu";

5. L-attriċi appellat. Issottomettiet illi s-sentenza appellata m'għamiltx apprezzament korret tal-provi:- (a) rigward l-element *ta' biża' - għaliex din kienet verament teżisti f'moħħ* l-appellanti;

(b) illi m'hemm ebda raġuni għaliex l-uniċi provi possibbli fuq il-patt ta' għaxar snin li għamlu l-partijiet għandhom jiġu skartati u l-istess (c) jingħad għall-ftehim ta' esklużjoni ta' l-ulied, u fl-aħħarnett (d) il-grad ta' prova li kellu jiġi ddomandat mingħand il-partijiet kellu jkun dak li jintlaħaq fi kwalsiasi kawża ċivili għalkemm "il-grad ta' probabilità" għandha tiġi applikata però b'ċerta ċirkospezzjoni għaliex l-istitut taż-żwieġ huwa parti mill-"ordni pubbliku ta' pajjiżna";

Il-konvenut, prattikament assoċja ruħu – barra għal dak li huma l-ispejjeż tal-kawża;

6. Din il-qorti eżaminat ix-xhieda li ddeponew il-kontendenti fil-kawża – u dawn huma l-uniċi provi prodotti mill-partijiet. Huwa rimarkevoli illi anke fejn ġew indikati provi ta' natura medika, rigward speċjalment l-istat psikiku u mentali taż-żewġt kontendenti, dan l-aspett ġie kompletament ittraskurat, u baqgħu ma sarux il-provi li kellhom isiru permezz ta' periti mediċi. Huwa għalhekk inutli għall-avukat ta' l-attriċi, redattur tal-petizzjoni ta' l-appell, li jesponi illi:-

"Fil-fatt meta titkellem magħhom (mal-partijiet issibha diffiċli ferm biex tikkomunika magħhom għaliex lanqas ma ssib fihom dawk il-kwalitajiet intellettwali li wieħed isib f'kull bniedem ieħor";

din il-kwalità ta' sottomissjoni m'hijiex proċeduralment apprezzabli għaliex (a) ebda perizja relattiva ma ntalbet u (b) ebda opposizzjoni ma saret għan-nomina ta' perit ġudizzjarju, meta kien, għall-kuntrarju, neċessarju li l-ġudikant japprezza l-personalità tal-kontendenti billi jismagħhom jixhdu. Fuq daqshekk infatti, din il-Qorti tinnota illi fis-sedura tal-21 ta'

Ottubru, 1988, **qabel ma kienet ipprezentata in-Nota ta' Eccezzjonijet tal-konvenut** hemm irregistrat:

"Il-Qorti tinnomina lil Dr. Alfred Grech bħala perit legali bil-fakoltajiet soliti";

M'hemm ebda indikazzjoni jekk din in-nomina saritx wara t-talba ta' l-attriċi jew inkella mill-qorti minn jeddha (art. 644 Kap. 12) iżda huwa żgur li jekk kienet il-qorti, l-attriċi m'opponietx. Opposizzjoni neċessarja jekk kien hemm l-aspetti ta' nuqqasijiet fil-personalità tal-kontendenti;

7. Il-motiv tal-biża' msemmi mhux aċċettabbli. Biż-żejjed jiġi oservat illi s-suppost minaċċja tal-konvenut li jmur jaqbeż jekk l-attriċi, qabel iż-żwieġ, titilqu, kif jgħid huwa stess:

"Wara xi xahar tgħarrasna u dħalt id-dar tal-ġenituri tagħha. Darba riedet titlaqni u **għal taparsi kont se naqbeż minn tliet (3) sulari**";

Din mhix prova li l-liġi trid biex tannulla l-kunsens kontrattwali:-

"Il-biża' biss ta' qima lejn il-missier, l-omm, jew axxendenti oħra, jew lejn ir-raġel, mhix biżżejjed biex tannulla l-kuntratt **jekk ebda vjolenza ma tkunx ġiet użata**;

Dan l-artikolu 980 Kap. 16 juri xi grad u kwalita' ta' biża' hija meħtieġa biex jiġi mxejjen il-kunsens li jingħata biex isir kuntratt;

8. La l-partijiet, fl-1964, kif jgħid u ftehmu li joqogħdu

flimkien f'taparsi żwieġ, għal għaxar snin – allura għandhom ċertament it-tnejn l-obbligu li jispjegaw għaliex għamlu aktar *minn għoxrin sena flimkien qabel ma waslu biex* "jimplimentaw" dak li ftehmu. Jew paradossalment billi dak li ftehmu kien null allura anki dan il-ftehim ta' għaxar snin "prova", ma kienx ħaġa'oħra ħlief ftehim bla valur – null, qisu ma sarx. Anki għall-kontendenti;

9. Huwa minnu li l-attriċi kellha approċċ titubanti rigward ir-responsabbilità li t-twelid ta' wlied timporta, imma l-esklużjoni assoluta li hija pretiża mill-attrici, ma tidhirx li hija kompatibbli ma' dak li hija ddeponiet fid-29 ta' Lulju, 1989:-

"Lanqas qatt ma tajna każ biex ikollna t-tfal. Darba lil żewġi kont tarraftlu biex naraw li jkollna tfal. Żewġi qalli kif konna qegħdin sewwa u għalhekk ma fittixniex li jkollna tfal. Meta jien tarraft lil żewġi b'dan, kont għidtlu għaliex kont qed nikber u ma ridtx li għal quddiem u wara li jgħaddi ż-żmien jagħtuni tort li ma kellniex tfal. Meta assikurani li kien kuntent kif konna, bla tfal, jiena serraħt rasi. Kif qegħdin illum qegħdin aħjar";

Din il-qorti ma jidrilhiex li għandha tiżvaluta l-import psikoloġiku ta'din id-deposizzjoni, u hija sodisfatta illi l-"ftehim" allegat ma kienx wieħed li jeskludi "element essenzjali tal-ħajja miżżewġa" li jsemmi s-subnicis (f) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255 li fuqu qed tistrieħ it-talba attriċi. Is-sentenza appellata kkonċediet li l-prokreazzjoni ta' l-ulied huwa "element essenzjali tal-ħajja miżżewġa" però dan għamlitu billi straħet, bħall-attriċi, fuq dak li l-Kodiċi Kanoniku jikkonsidra bħala element essenzjali ta' żwieġ kanonikament validu, mentri din il-Qorti hija mitluba biex tħares *lejn liġi sekolari* fuq iż-żwieġ *li tħallat* element "*lajċi*" ma' element "reliġjużi" u għalhekk **għall-iskopijiet ta' din il-**

**kawża, minħabba l-provi li hemm** - m'hijex lesta li taddentra ruħha biex teżamina oltre dan, il-kwistjoni hekk spinuża u komplikata, u tista' tieqaf fuq l-insuffiċjenza tal-provi;

10. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata tirriżulta għalhekk ikkonfermata;

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.